

#EUandME

Gwida għall-Għalliema

L-istudenti tiegħek, li għandhom bejn is-17 u t-18-il sena, qegħdin pass 'il bogħod minn bidla kbira; qed jippreparaw biex jitolqu mill-iskola u qed jħejju ruħhom għall-fażi li jmiss tal-ħajja tagħhom. Jafu dwar l-opportunitajiet, l-appoġġ u l-benefiċċji li ċ-ċittadinanza Ewropea ġġib għall-ħajja ta' kuljum u għall-prospetti tal-futur tagħhom?

Biex dawn l-opportunitajiet ikunu aktar aċċessibbli għaż-żgħażaġh Ewropej, il-Kummissjoni Ewropea nediet kampanja ġdida fuq diversi mezzi tal-midja soċjali, #EUandME. Ir-riżorsi tal-edukazzjoni #EUandME f'dan is-Sett ta' Għodod se jippermetti lilek u lill-istudenti tiegħek tiskopru u tinvolvu ruħkom mal-opportunitajiet u mal-inizjattivi li l-UE qiegħda toffri. Ir-riżorsi tal-edukazzjoni jipprovdu attivitajiet biex tinvolvi lill-istudenti tiegħek f'ħidma kollaborattiva u f'diskussjoni biex tgħinhom jifhmu r-rwol li taqdi l-UE fil-ħajja tagħhom u jiskopru dak kollu li huma intitolati għalih bħala ċittadini ta' Stat Membru tal-UE.

GĦAN U STRUTTURA TAS-SETT TA' GĦODOD TAL-GĦALLIEMA

Messaġġ ewlieni tal-kampanja #EUandME jikkonċerna kif l-UE tagħti s-setgħa u tippermetti liċ-ċittadini tagħha jseguw l-passjonijiet u l-interessi tagħhom, sostnuti bi drittijiet, appoġġ u opportunitajiet. L-għan ta' #EUandME huwa li tinvolvi liż-żgħażaġh Ewropej u tgħinhom jisfruttaw il-potenzjal tagħhom bħala ċittadini Ewropej.

Dawn ir-riżorsi tat-tagħlim għandhom l-għan li jħeġġu l-iżvilupp ta' ħiliet u kompetenzi moderni fl-istudenti; li jiżviluppaw studenti kunfidenti li jkunu kapaċi jgħajmu mistoqsijiet u jaħsbu b'mod indipendenti. Jingħata l-parir li jintużaw attivitajiet multimedjali, li għandhom jappellaw għall-istudenti u jsaħħu l-motivazzjoni, kif ukoll jiżviluppaw il-ħiliet tal-litteriżmu diġitali tal-istudenti.

Il-kampanja tnediet bil-ħruġ ta' 5 films qosra minn diretturi li rebħu premjijiet, kull wieħed fuq tema speċifika – *Mobbiltà, Sostenibbiltà, Ħiliet u Negozju, Diġitali, u Drittijiet*. It-taqsima 1 ta' kull Unità tal-klassi tiftaħ billi l-klassi sħiħa tara u tikkummenta dwar film. Il-films qosra jaġixxu bħala opportunità biex l-istudenti jiġu involuti f'diskussjoni u f'esplorazzjoni tal-appoġġ u l-opportunitajiet tal-UE fit-Taqsima 2. L-istudenti se jkollhom bżonn jużaw kompjuter għax-xogħol tagħhom f'pari, ix-xogħol fi gruppi u r-riċerka mmexxija minnhom infushom f'din it-Taqsima. Ix-xogħol tagħhom se jwassalhom biex jiddiskutu r-reazzjonijiet, il-ħsibijiet u l-opinjonijiet tagħhom ma' xulxin bħala klassi.

Fit-Taqsima 3, l-istudenti huma mistiedna jieħdu sehem fi proġett kreattiv dwar is-suġġetti li jinteressawhom biex jgħinhom jgħaqqdu flimkien u jikkomunikaw l-għarfien u l-fehim tagħhom tal-opportunitajiet li l-UE għandha x'toffrilhom waqt li jħejju ruħhom għall-fażi li jmiss ta' ħajjithom. Dawn l-attivitajiet iffokati fuq l-istudenti jipromwovu stil ta' tagħlim attiv u tagħlim imsejjes fuq il-mistoqsijiet. L-istudenti jesploraw problema u sfida tad-dinja reali, jiżviluppaw ħiliet mifruxa fuq diversi kurrikuli filwaqt li jaħdmu fi gruppi kollaborattivi żgħar u mbagħad jippreżentaw il-proġett tagħhom biex juru l-fehim u t-tagħlim tagħhom lil udjenza reali – il-klassi, l-iskola u d-dinja inġenerali. Il-preżentazzjoni tax-xogħol tagħhom se toħloq sfida biex l-istudenti jaħsbu b'mod kritiku dwar il-ħajja tagħhom stess u d-diversi vantaġġi li jingħatawlihom billi jgħixu fl-UE.

GRUPPI TA' ETAJIET

Filwaqt li dawn ir-riżorsi tat-tagħlim u tal-apprendiment ta' #EUandME huma mmirati lejn iż-żgħażaġh bl-età ta' 17 u 18-il sena, l-Unitajiet kollha huma xierqa kemm għal studenti iżgħar kif ukoll għal studenti aktar anzjani. L-għalliema għandhom il-libertà li jużaw il-ġudizzju professjonali tagħhom biex jiddeċiedu liema grupp ta' snin jibbenefika minn Unità partikolari. Fil-Linji Gwida t'hawn taħt hemm nota dwar l-użu tal-midja soċjali mal-istudenti li jkollhom 16-il sena jew inqas.

DESKRIZZJONI ĠENERALI TAL-UNITÀ

L-approċċ tematiku jfisser li l-għalliema għandu l-libertà li jagħżel Unità li tkun xierqa għall-istudenti tiegħu u li tissodisfa l-ħtiġijiet tal-kurrikulu tiegħu. In-natura interdixiplinari tat-temi tiżgura li dawn jistgħu jiġu inkorporati fi kwalunkwe kors tat-tieni grad, irrispettivament jekk dan ikunx akkademiku jew vokazzjonali. Il-biċċa l-kbira tal-Unitajiet joffru opportunità għal tagħlim b'aktar minn għalliema wieħed jew approċċ interdixiplinari. F'approċċ interdixiplinari, l-għalliema jistgħu jużaw ix-xogħol ta' dixiplini oħrajn, pereżempju l-Arti, l-ICT, l-Istudji tal-Midja, l-Istorja, il-Lingwi, ix-Xjenzi Soċjali, l-Istorja jew il-Ġeografija. L-Unitajiet jindirizzaw firxa ta' opportunitajiet u intitolamenti tal-UE disponibbli għaċ-ċittadini Ewropej kollha, u dawn jistgħu jintużaw fil-kuntest ta' varjetà ta' dixiplini tat-tagħlim. Hawn taħt qegħdin jiġu deskritti xi suġġerimenti.





Unità	Film Qasir tal-Unità	Suġġetti tal-Unità	Kampjun ta' Links għas-Suġġetti tal-Iskola
Mobbiltà	"Hostel Ħaj" , b'direzzjoni ta' Matthias Hoene [8:40 min]	Opportunitajiet biex iż-żgħażaġh Ewropej jivvjaġġaw, jistudjaw jew jaħdmu fl-UE.	Gwida għall-Karriera, Lingwi, Ġeografija, Edukazzjoni Vokazzjonali, Politika, Studji dwar iċ-Ċittadinanza, Studji tal-Midja, Storja.
Sostenibbiltà	"Oona" , b'direzzjoni ta' Zaida Bergroth [8:40 min]	Il-miżuri li l-UE qiegħda tieħu f'isimna fir-rigward tat-tibdil fil-klima, l-ikel li jkun tajjeb għas-saħħa u l-provvisti tal-ilma siguri, kif ukoll il-protezzjoni u t-titjib tal-pajsaġġ naturali tal-Ewropa.	Ġeografija, Bijoloġija, Studji Soċjali, Studji dwar iċ-Ċittadinanza, Filosofija, Home Economics.
Ħiliet u Negożju	"Party Animal" , b'direzzjoni ta' Yorgos Zois [7:52 min]	Taħriġ u ħiliet għall-futur, appoġġ tal-UE għall-impjieg u għall-karriera, drittijiet tal-ħaddiema u appoġġ tal-UE għall-imprendituri żgħażaġh.	Studji fin-Negożju, Ekonomija, Gwida għall-Karriera, Edukazzjoni Vokazzjonali, Studji Ewropej, Studji Soċjali, Lingwi.
Diġitali	"Ta' Waħdu" , b'direzzjoni ta' Tomasz Konecki [9:52 min]	Id-diversi drittijiet diġitali li l-UE tagħti lill-istudenti "diġitali nattivi" tagħna bħat-tmiem tat-tariffi tar-roaming u "Id-Dritt [li Jkun Minsij][li Tkun Minsija]".	ICT, Filosofija, Studji Ewropej, Studji tal-Midja, Lingwi.
Drittijiet	"Debut" , b'direzzjoni ta' Dalibor Matanić [4:04 min]	Bħala ċittadini tal-UE, l-istudenti għandhom l-istess dritt li jivvotaw fl-elezzjonijiet Ewropej bħal dak li għandhom bħala ċittadini fil-pajjiż tagħhom stess. Id-drittijiet tal-konsumaturi u d-drittijiet fundamentali wkoll jiġu esplorati.	Studji Ewropej, Edukazzjoni Vokazzjonali, Politika, Filosofija, Studji dwar iċ-Ċittadinanza, Studji tal-Midja, Storja, Studji Soċjali.

LINJI GWIDA GĦALL-KLASSI JEW GĦAS-SESSJONI TA' ĦIDMA

Kull Unità tiftaħ billi l-klassi sħiħa tara l-film qasir li nħoloq abbażi tat-temi tal-Unità. Jingħata l-parir li l-klassi kollha tara l-film qasir biex ikunu jistgħu jiġu rreġistrati l-kummenti immedjati tal-istudenti għall-esperjenza komuni tagħhom. Il-qawwa u l-impatt tal-films qosra se jsaħħu l-fehim tal-istudenti dwar dak li jkun se jiddiskutu, jaqraw u jiskopru fuq is-sit web ta' #EUandME. Bħala strateġija ta' kif l-istudenti jaraw il-film b'mod attiv, l-għalliem se jippreżenta mistoqsija relatata mal-film qabel ma l-istudenti jarawh biex jgħinjom jaraw il-film b'mod attiv. L-għan huwa li din tgħin lill-istudenti jaraw il-film bi skop u bl-attenzjoni.

Filwaqt li l-klassi invertita qed tiżdied fil-popolarità u l-għalliem jista' jitlob lill-istudenti jaraw film qabel il-perjodu tal-klassi, dan jista' jgħib ir-riskju li jintilfu l-qawwa u l-immedjatezza tal-kumment emozzjonali tal-grupp għal kull film. Kollha huma qosra, u jkun aħjar li kieku l-għalliem japprofitta ruħu mill-kummenti komuni tal-istudenti hekk kif dawn jibdeu jiskopru l-oportunitajiet diversi u differenti u l-appoġġ li l-UE għandha x'toffrilhom.

L-istudenti jieħdu sehem f'attività kreattiva jew fi proġett kreattiv f'kull Unità. Dan se jippermetti lill-istudenti jesprimu l-kreattività tagħhom, u jtejbu l-ħiliet ta' komunikazzjoni u preżentazzjoni tagħhom, filwaqt li jippermettilhom juru wkoll it-tagħlim tagħhom lill-għalliem. Il-metodi ta' kif jistgħu jippreżentaw ix-xogħol tagħhom jistgħu jinkludu wirjiet jew eżibizzjonijiet tax-xogħol tagħhom, inklużi preżentazzjonijiet orali għal udjenza mistiedna. L-Unitajiet kollha huma xierqa bħala proġetti ta' [eTwinning](#) u dan jippermetti lill-istudenti jingħaqdu mal-akbar komunità tat-tagħlim online tal-Ewropa, u jgħinjom jikkomunikaw mal-pari tagħhom minn madwar l-Ewropa b'mod li sempliċment ma jistax jiġi replikat fil-klassi. L-istudenti jistgħu jippreżentaw il-proġetti tagħhom billi jużaw kwalunkwe mezz li jixtiequ u kwalunkwe taħlita ta' immaġnijiet diġitali, podcasts jew għodod interattivi biex jippreżentawhom lil udjenza aktar mifruxa li tmur lil hinn mill-klassi. L-istudenti jistgħu wkoll jorganizzaw xogħolhom għall-Portafolli elettroniċi tagħhom, u permezz ta' dan jintraċċaw it-toroq tat-tagħlim tagħhom u jirreġistraw l-iżvilupp tal-ħiliet tagħhom, inklużi l-ħiliet diġitali tagħhom, u l-kollezzjoni tax-xogħol tagħhom bħala evidenza tat-tagħlim u tal-fehim tagħhom tal-benefiċċji talli jgħixu fl-UE.



L-għan tal-kampanja #EUandME hija li tgħin liż-żgħażaġh jingħaqdu mal-UE u tgħinhom jisfruttaw id-drittijiet, l-appoġġ u l-opportunitajiet li jkollhom minħabba l-fatt li huma ċittadini Ewropej. Jekk dawn jaqsmu xogħolhom permezz ta' links f'paġna tal-midja soċjali tal-Unità, dan se jgħinhom jingħaqdu ma' xulxin f'modi li jagħmlu fil-ħajja reali tagħhom, jiġifieri b'mod diġitali. L-istudenti li jkollhom 17 jew 18-il sena jistgħu jkollhom ukoll il-kontijiet tal-midja soċjali tagħhom stess u jieħdu pjaċir jaqsmu xogħolhom b'dan il-mod. Madankollu, għalliem ta' studenti iżgħar jista' jippreferi li joħloq kont tal-klassi u ladarba l-istudenti jkunu ssalvagwardjaw l-informazzjoni personali tagħhom, l-għalliem jista' jimmaniġġja l-kont għall-klassi skont il-GDPR u l-Politika dwar l-Użu Aċċettabbli tal-iskola.

WEBLINKS U RIŻORSI ADDIZZJONALI

Kompetizzjoni Diretturi tal-Films Żgħażaġħ europa.eu/euandme/how_it_works_mt Oqgħod b'għajnejk miftuħa għall-5 diretturi tal-films żgħażaġh rebbieħa f'Ġunju 2019.

UE – europa.eu/european-union/index_mt Is-sit web uffiċjali tal-UE.

eTwinning – www.etwinning.net eTwinning, li hija l-komunità online ta' skejjel minn madwar l-Ewropa, toffri pjattaforma biex l-għalliema u l-iskejjel fl-Ewropa jikkommunikaw, jikkollaboraw u jiżviluppaw proġetti. Din hija pjattaforma li tista' tintuża faċilment mill-għalliema li thegħeġ il-kooperazzjoni bejn l-istudenti u l-iskejjel madwar l-Ewropa. Kollaborazzjoni eTwinning se thegħeġ l-għarfien tas-sħab tal-proġett ta' dak li jkun u se tenfasizza d-dimensjoni Ewropea tal-proġetti tas-Sett ta' Għodod.

Portafolli elettroniċi – eufolio-resources.eu/ Il-Portafoll elettroniku ta' student huwa spazju ta' xogħol diġitali dinamiku biex l-istudenti jirreġistraw it-tagħlim tagħhom u l-kollezzjonijiet tax-xogħol tagħhom. Il-Portafoll elettroniku tagħhom huwa post fejn jistgħu jirriflettu fuq l-iżvilupp tal-ħiliet tagħhom u post fejn jaħżnu u jaqsmu, jikkollaboraw u juru l-evidenza tax-xogħol u tat-tagħlim tagħhom lin-nies l-oħra.

Il-Kompetenzi Diġitali u t-Teknoloġija fl-Edukazzjoni – ec.europa.eu/education/education-in-the-eu/digital-education-action-plan Il-pjan ta' azzjoni tal-Kummissjoni biex it-teknoloġija diġitali tintuża aħjar għat-tagħlim u għall-apprendiment, għall-iżvilupp tal-kompetenzi u tal-ħiliet diġitali u għat-titjib tal-edukazzjoni fl-era diġitali.

Europeana – www.europeana.eu Europeana Collections tipprovdi aċċess għal aktar minn 51 miljun oġġett, ktieb, mużika, vidjo, xogħol tal-arti u affarijiet oħra diġitali b'għodod għat-tiftix u għall-iffiltrar biex jgħinuk. Il-materjal jingħata lil Europeana minn ħafna istituzzjonijiet kontribwenti u Europeana tistinka biex ir-riżorsi kollha fuq is-sit web ikunu jistgħu jintużaw mill-ġdid. Xi ftit oġġetti li għad għandhom "id-drittijiet tal-awtur" huma protetti bid-drittijiet tal-awtur u l-istudenti dejjem għandhom jagħtu attribuzzjoni u jirrispettaw kwalunkwe dritt relatat tal-proprietà intellettuali.

Unità tal-Mobbiltà ta' #EUandME

DESKRIZZJONI ĠENERALI

L-Unità tal-Mobbiltà għandha l-għan li turi lill-istudenti d-diversi benefiċċji li bħala żgħażaġh Ewropej huma jistgħu jgawdu waqt li jkunu qed jistudjaw, jaħdmu jew jivvjaġġaw fi kwalunkwe pajjiż tal-UE. Il-film qasir iżda evokattiv *Hostel Ħaj* se jinvolvi lill-istudenti fis-suġġett. Imbagħad, permezz ta' xogħol kollaborattiv fi grupp, l-istudenti se jesploraw id-diversi opportunitajiet li l-UE toffrilhom. Fit-tielet taqsima, kull student jiġi mħeġġeġ jidher *Il-Pjan Direzzjonali Tiegħi ta' EUandME* biex jippreżenta l-fehim tiegħu tal-possibiltajiet u l-appoġġ kollha li huma disponibbli għalih bħala ċittadin Ewropew żagħżuġh.

TAQSIMA 1

Biex turi kemm huma faċli l-ivvjaġġar u l-mobbiltà għaż-żgħażaġh Ewropej fil-klassi tiegħek, staqsihom isemmu l-pajjiżi tal-UE li żaru. Fuq il-whiteboard oħloq lista tal-pajjiżi kollha u staqsi lill-istudenti jagħtu suġġerimenti għaliex xi pajjiżi huma aktar popolari minn oħrajn, kemm huma mobbli l-istudenti f'din il-klassi, u dwar il-pajjiżi li għadhom iridu jivvjaġġaw lejhom u għaliex jixtiequ jmorru hemm.

Qabel ma turi l-film qasir ta' #EUandME *Hostel Ħaj* [8:40 minuti], itlob lill-istudenti jikkunsidraw il-mistoqsija "L-Ewropa kif tiġi żżur lin-Nanna, lil Moritz u lil oħtu Heike?" Ladarba jkunu raw il-vidjo, ħeġġeġ lill-istudenti jiddiskutu l-kummenti tagħhom dwar il-film.

TAQSIMA 2

Il-klassi issa se twestaq riċerka online biex tippjana u tħejji għal hike ta' ġimagħtejn fl-Ewropa għal Moritz u oħtu. Aqşam il-klassi f'5 gruppi żgħar u itlobhom jieħdu waħda mill-paġni elenkati biex tgħinjom jipplanaw l-avventura Ewropea tagħhom. Peress li kull vjaġġ jeħtieġ pjan sod, nibdew billi nlestu d-dokumenti tal-ivvjaġġar, l-arranġamenti tal-kura tas-saħħa, u, ovvjament, kif nibqgħu f'kuntatt man-Nanna meta nkunu 'l bogħod, ħafna qabel ma nipplanaw il-vjaġġ u l-akkomodazzjoni!

1. Bħala ċittadini tal-UE, il-grupp tiegħek liema dokumenti tal-ivvjaġġar jissuġġerixxi li Moritz u Heike jiksibu qabel jitolqu? **Passaport tal-UE jew karta tal-ID?**
2. Tgħalliem dwar il-benefiċċji ta' karta EHIC fuq **Saħħti Il-Ħajja Tiegħi**, u esplora l-aċċess li għandhom iċ-ċittadini tal-UE għall-kura tas-saħħa pubblika barra mill-pajjiż. Tinsix, **bniedem avżat nofsu armat!**
3. Tgħalliem kif tista' tgħin lil Moritz u lil Heike jiksibu **pass tal-ivvjaġġar ta' #DiscoverEU**.
4. **Il-Vjaġġi Tiegħi. Ħajti**, tispjega dak li għandek tagħmel jekk tinqala' xi problema meta tkun qed tivvjaġġa barra mill-pajjiż, irrispettivament tkunx relatata ma' tariffi fuq il-kards, sewqan, munita/flus u aktar. X'pariri ewlenin tista' tiskopri?
5. Iċċekkja dawn il-pariri **Essenzjali dwar l-Ippjanar tal-Vjaġġi**. Liema minn dawn se jkunu utli għal Moritz u Heike?

Ladarba l-istudenti jkunu lestew ir-riċerka tagħhom, kull grupp ikollu 5 minuti biex jagħti aġġornament lill-klassi sħiħa matul *Laqgħa madwar Mejda* dwar il-Mobbiltà u l-Ivvjaġġar ta' #EUandME.

TAQSIMA 3

Kull student jesplora ż-2 paġni tematiċi li ġejjin fuq is-sit web ta' #EUandME biex jiskopri l-opportunitajiet possibbli tal-futur u jikkunsidra l-mistoqsijiet li ġejjin: "Se tistudja barra mill-pajjiż fil-5 snin li ġejjin?", "Se taħdem jew tagħmel traineeship f'pajjiż Ewropew ieħor?", "Se tieħu sehem fil-Korp Ewropew ta' Solidarjetà?" u "X'appoġġ, benefiċċji u opportunitajiet qiegħda toffrilek l-UE fil-fażi li jmiss ta' ħajtek?"

1. Il-paġna dwar l-istudju barra mill-pajjiż, **L-Istudji Tiegħi. My Life**, tippreżenta programmi ta' studju barra mill-pajjiż (b'mod speċifiku l-Erasmus+ u l-Erasmus Mundus), traineeships/opportunitajiet ta' volontarjat (il-Korp Ewropew ta' Solidarjetà) u taħriġ fil-lingwa.
2. Il-paġna dwar ix-xogħol u l-għajxien barra mill-pajjiż, **Il-Karriera Tiegħi. Ħajti**, tispjega d-drittijiet meta tkun qed taħdem jew tgħix f'pajjiż barrani, kif tikseb impjieg, tagħmel volontarjat jew tikseb taħriġ.

Kull student issa jidher pjan fuq medda ta' 5 snin tal-possibiltajiet tal-futur imsejjaħ *Il-Pjan Direzzjonali Tiegħi ta' EUandME* billi juża verżjoni mingħajr ħlaq jew bil-ħlaq ta' għodda interattiva bħal **Book Creator** jew **Sway** biex juri:

- ▶ X'jixtieq jikseb l-istudent
- ▶ Il-passi li l-istudent se jkollu bżonn jagħmel biex jilħaq l-għanjiet tiegħu

Ladarba jitlestew, l-istudenti jistgħu jżidu l-*Pjan Direzzjonali* tagħhom mal-portafoll tas-CV tagħhom. Il-klassi tista' tagħmel wirja tal-*Pjanijiet Direzzjonali Tiegħi ta' EUandME* tagħha għal udjenza mistiedna minn klassijiet oħra; teżebixxi l-proġetti tagħha matul il-Fiera tal-Jum tal-Karrieri jew għall-Jum l-Ewropa. Xi wħud, ladarba jkunu ssalvagwardjaw l-informazzjoni personali tagħhom, jaf ikollhom ix-xewqa li jaqsmuhom online billi jużaw #EUandME fuq il-kanali tal-midja soċjali tagħhom.

Unità tas-Sostenibbiltà ta' #EUandME

DESKRIZZJONI ĠENERALI

L-Unità tas-Sostenibbiltà tiftaħ b'diskussjoni tal-klassi dwar ir-relazzjoni bejn il-bnedmin u n-natura li tirriżulta wara li l-istudenti jkunu raw il-film qasir li jinvolvi lill-istudenti *Oona*. L-istudenti mbagħad jespjoraw il-bżonn tas-sostenibbiltà u jiskopru l-inizjattivi u l-azzjonijiet ta' #EUandME biex jiġi ppreservat l-ambjent u jiġu mmaniġġjati r-riżorsi limitati tal-pjaneta tagħna. Fit-taqsimi finali, l-istudenti jinvolvu ruħhom fi proġett kreattiv biex jgħinlihom jifhem li hija meħtieġa azzjoni minn kull wieħed u waħda minna biex tinkiseb is-sostenibbiltà; aħna lkoll għandna rwol biex ngħixu haġja sostenibbli.

TAQSIMA 1

Itlob lill-istudenti jikkunsidraw dan li ġej waqt li jkunu qed jaraw *Oona* [8.40 minuti]: “Hekk kif il-vidjo jibda, Oona tidher distanti minn missierha. Hemm tensjoni kbira fir-relazzjoni tagħhom. Bħala riżultat, Oona mhijiex marbuta mad-dinja ta' madwarha, lanqas mas-sbuħija tad-dinja naturali tal-foresti. Din id-“distanza” tista' tkun metafora għalina u għall-mod kif aħna ninsabu distanti mid-dinja tagħna tal-lum, fejn xi drabi ma napprezzawhiex biżżejjed?”

Heġġegħ lill-istudenti jiddiskutu l-kummenti tagħhom dwar il-vidjo; l-opinjoni tagħhom dwar ir-relazzjoni bejn Oona u missierha u jekk il-film jistax ikun metafora għad-distanza tagħna min-natura jew għan-nuqqas ta' kura tagħna tan-natura. Id-Direttur Zaida Bergroth ħolqot il-film bħala tweġiba għat-tweġmin tagħha fix-xogħol tal-UE fil-preservazzjoni tan-natura, l-annimali selvaġġi u l-ħabitats naturali. Din it-tema kif tiġi żviluppata fil-film tagħha?

Il-protezzjoni tal-ambjent naturali u l-konservazzjoni tar-riżorsi limitati tad-Dinja għall-ġenerazzjoni tagħna u għat-tfal tat-tfal tagħna huma prinċipji ewlenin tal-għajxien sostenibbli, u fit-taqsimi 2 se nippruvaw nagħtu tweġiba għall-mistoqsija, “X'inhi s-sostenibbiltà?”

TAQSIMA 2

X'inhi s-sostenibbiltà? Aqşam il-klassi fi gruppi ta' 5 studenti. Qassam karta A3 lil kull grupp u itlobhom ipinġu V kbira ħafna biex jimlew il-paġna. Semmi n-naħa tax-xellug tal-V “Il-Problemi tad-Dinja”, u agħti ħames minuti lil kull grupp biex jelenkaw il-kawżi kollha li jistgħu jaħsbu fihom u l-kawżi prinċipali tar-riżorsi mmaniġġjati ħażin tad-Dinja. Ħalli ċ-ċentru tal-V vojta għalissa, u semmi n-naħa tal-lemin tal-V “Id-Dinja tat-Tfal Tiegħi”. Għal darb'oħra, għal 5 minuti l-grupp għandu jelenka kif jixtieq li d-Dinja tidher fil-futur, b'rabta mal-protezzjoni u l-preservazzjoni tar-riżorsi tad-Dinja.

Kull membru ta' kull grupp issa se jespjora soluzzjonijiet possibbli għall-kwistjoni tal-ħsara ambjentali kkawżata mill-bnedmin. Kull wieħed jieħu 1 mill-paġni tematiċi li ġejjin tas-Sostenibbiltà ta' #EUandME biex jiskopri x-xogħol u l-azzjonijiet ta' mitigazzjoni tal-UE fir-rigward tas-sostenibbiltà:

1. **Il-Beraħ Tiegħi. Haġti.** tippreżenta l-mod kif l-UE qed timxi biex tiproteġi l-ħajja selvaġġa u n-natura, u ttejjeb il-pajsaġġ naturali tal-Ewropa, kif ukoll tiżgura li l-ilma kollu tax-xorb ikun nadif u sigur.
2. **Il-Pjaneta Tiegħi. Haġti.** tiddekrivi l-inizjattivi dwar it-tibdil fil-klima tal-UE biex titnaqqas il-marka tal-karbonju tagħna. Din tippreżenta wkoll dak li kull wieħed u waħda minna jista' jagħmel biex jitnaqqas l-impatt tat-tibdil fil-klima.
3. **L-Ambjent Tiegħi. Haġti.** tesplora l-azzjonijiet li qed tieħu l-UE biex jitnaqqas, jintuża mill-ġdid u jiġi mmaniġġjat l-iskart, u x-xogħol tagħha biex il-plastik jitwaqqaf milli jidħol fil-baħar.
4. **L-Ikel Tiegħi. Haġti.** teżamina l-politiki tal-UE li jiżguraw li l-ikel fuq l-imwejjed tagħna jkun affordabbli u jkun ġie prodott b'mod ġust u sigur.
5. **It-Teknoloġija Tiegħi. Haġti.** tesplora l-investimenti li qed tagħmel l-UE fir-riċerka u l-proġetti li huma mmirati lejn soluzzjonijiet sostenibbli għall-isfidi attwali tagħna.

Meta l-istudenti jkunu sabu eżempji ta' soluzzjonijiet tal-UE favur is-sostenibbiltà u mitigazzjonijiet għaliha, dawn jelenkawhom fiċ-ċentru taċ-ċart tagħhom fil-forma V taħt il-parti msemmija, “Soluzzjonijiet tal-UE”. Ladarba l-gruppi kollha jkunu lestew ir-riċerka u ċ-ċarts tagħhom, dawn jiġu ppubblikati fuq bord ta' displej. Kull grupp imbagħad jiġi mistieden jippreżenta ċ-ċart tiegħu u jiddiskuti l-kwistjonijiet u s-soluzzjonijiet.

TAQSIMA 3

Kull student, billi juża kwalunkwe mezz li jixtieq, ifassal, joħloq u jippreżenta parti biex juri kif bħala individwi huma qed jadottaw il-ħsieb u l-prattiki tas-sostenibbiltà fil-ħajja tagħhom ta' kuljum. Pereżempju, huma jistgħu joħolqu vidjo qasir jew installazzjoni tal-arti; jiktbu artiklu għall-gazzetta tal-iskola jew jiddiżinjaw poster diġitali biex jirriflettu t-tema. Dawn għandu jirriflettu kif huma proattivi biex jiproteġu r-riżorsi limitati tad-Dinja u jnaqqsu l-konsum tagħhom. Fl-iskola tista' titfassal wirja tax-xogħol tagħhom għal Jum id-Dinja jew tinqasam permezz tal-mezzi tal-midja soċjali tas-Sostenibbiltà ta' #EUandME.

Unità tal-Ħiliet u Negożju ta' #EUandME

DESKRIZZJONI ĠENERALI

Fil-vidjo, *Alex Party Animal* ikollu mument ta' skopertà u, billi jsegwi l-passjoni tiegħu, jiskopri kif jimmappja l-pjan ta' ħajtu. Fl-Unità tal-Ħiliet u Negożju, l-istudenti se jespjoraw id-diversi inizjattivi u appoġġ li l-UE għandha x'toffrilhom hekk kif jibdwu jippjanaw l-istadju li jmiss f'ħajjithom.

TAQSIMA 1

Waqt li l-istudenti jkunu qed jaraw [The Party Animal](#) [7:52], huma għandhom jikkunsidraw dan li ġej: "Alex huwa persuna li xejn ma jwaqqafha milli tiddiverti, iżda, ironikament, kif se jirnexxielu jwettaq il-ħolma tiegħu jekk se jkompli jgħix bl-istil ta' ħajja tiegħu?"

Ħeġġeġ lill-istudenti jiddiskutu l-kummenti tagħhom dwar il-vidjo; l-opinjoni tagħhom dwar ir-relazzjoni bejn Alex u l-ġenituri tiegħu; l-attitudni tiegħu għall-ħajja hekk kif jiftaħ il-film u l-attitudni tiegħu għal xogħlu. Alex jidher li m'għandux skop hekk kif il-film jibda; l-istudenti dejjem kienu jafu x'kien se jkun il-pass li jmiss f'ħajjithom? X'għenhom isibu d-direzzjoni tagħhom fil-ħajja? X'pariri jagħtu lil Alex dwar il-passi li jmiss tiegħu biex in-negożju tiegħu jsarrfu f'realtà? X'inhu t-tagħrif tagħhom dwar l-appoġġ u l-inizjattivi tal-UE li huma disponibbli għalihom f'dan l-istadju ta' ħajjithom?

TAQSIMA 2

Il-konsulenti tal-karrieri u tan-negożji jagħtu r-rakkomandazzjoni li pjan tajjeb, irrISPettivament ikunx pjan biex jinkisbu ħiliet u kwalifiki jew pjan ta' negożju, jinkludi l-passi li ġejjin:

- L-Ewwel Pass: Agħmel ir-riċerka tiegħek
- It-Tieni Pass: Fassal pjan
- It-Tielet Pass: Tikkumplikax l-affarijiet

Itlob lil kull student iwettaq riċerka dwar l-erba' *Skills & Business* paġni tematiċi fuq is-sit web ta' [#EUandME](#) biex jitgħallmu dwar l-appoġġ u r-riżorsi li l-UE tista' toffrilhom sabiex jabbazzaw pjan għall-istudju, il-ħiliet u l-karriera għalihom stess:

- Il-Ħiliet Tiegħi. Ħajti.** tippreżenta dak kollu li qed tagħmel l-UE biex ittejjeb il-kwalità tat-taħriġ tal-lum u tgħin biex jiġi mifhum liema ħiliet se jkunu importanti fil-futur.
- Il-modi kif wieħed isib impjieg tajjeb u jikseb għajjuna fil-forma ta' kkwocjar huma esplorati f'[L-Ambizzjoni Tiegħi. Ħajti.](#) Skopri d-diversi programmi li toffri l-UE biex tappoġġja liż-żgħażaġ fit-tfittxija tagħhom għal impjieg ta' kwalità.
- In-Negożju Tiegħi. Ħajti.** tiddekrivi kif l-UE tista' tipprovdi dak li huwa meħtieġ biex tikseb l-aħjar riżultati minn idea ta' negożju; mill-finanzjament għall-ikkwocjar, u minn networks tan-negożju għal skemi ta' skambju. Esplora kif tista' tiftaħ u tkabbar negożju.
- Id-Drittijiet tax-Xogħol Tiegħi. Ħajti.** tippreżenta d-drittijiet li l-ħaddiema jibbenefikaw minnhom u l-protezzjoni li dawn jiġu żgurati meta jkunu qed jaħdmu fl-UE.

Ladarba jkunu abbozzaw il-pjan tagħhom, (b'referenza għall-programmi u l-appoġġ tal-UE li se jassistuhom fl-ilħuq tal-ħiliet u tal-pjanijiet ta' negożju tagħhom), kull student għandu jħejji ruħu biex jaffaċċja lill- *Bord tal-Ħiliet u Negożju*. Il-premessa se tkun li l-istudenti jkollhom jippreżentaw l-ideat ta' negożju tagħhom lil bord magħmul minn erba' membri tal-ġurija li b'mod individwali se jivvalutaw il-preżentazzjoni u jieħdu deċiżjoni dwar jekk "jinvestux" fl-idea jew le. Dawn se jkollhom bżonn jistampaw il-pjan tagħhom u jagħtu kopja lill-membri tal-ġurija qabel l-intervista tagħhom.

TAQSIMA 3

Hekk kif jibdwu jagħmlu parti mill-*Bord tal-Ħiliet u Negożju*, erba' studenti se jiffurmaw il-bord tal-membri tal-ġurija. Dan se jkun bord li jinbidel u għalhekk se joffri lill-biċċa l-kbira tal-istudenti l-opportunità li jkunu membru tal-ġurija.

Kull membru tal-ġurija se "jispeċjalizza" f'waħda mill-paġni tematiċi tal-*Ħiliet u Negożju ta' #EUandME*. Ladarba jkunu qraw il-pjan ta' student, il-membri tal-ġurija, li jkunu bilqiegħda fl-ogħla pożizzjoni ta-klassi, se jagħmlu intervista lil kull "kandidat" waqt li dawn ikunu bilqiegħda quddiemhom.

Ir-rwol tal-membri tal-ġurija huwa li jappoġġjaw u joffru suġġerimenti addizzjonali lil kandidat. Dawn se jistaqsu lill-kandidat dwar l-istudju jew id-direzzjoni tal-karriera tiegħu u l-għanijiet tiegħu. Dawn se jitolbu wkoll eżempji ta' programmi tal-UE li l-kandidat jista' juża biex isegwi t-triq tal-istudju u tal-karriera tiegħu. Barra minn hekk, dawn se jagħmlu l-pjan disponibbli għall-pubbliku (jiġifieri l-klassi) sabiex jiġbru aktar suġġerimenti u ideat addizzjonali minn diversi sorsi.

Unità Digitale ta' #EUandME

DESKRIZZJONI ĠENERALI

Fortunatament għal Jan, il-persuna mistħija u daqsxejn stramba li tiegħu ħsieb in-natura selvaġġa, peress li huwa ċittadin tal-UE mhux biss għandu aċċess għall-Internet, iżda għandu aċċess għal ħafna drittijiet u libertajiet diġitali. Permezz tal-kummiedja romantika, *Ta' Waħdu*, aħna naraw kemm huwa importanti li nkunu magħqudin, u naraw ukoll kif l-UE taħdem biex tgħaqqadna mad-dinja diġitali.

TAQSIMA 1

Hekk kif l-istudenti jaraw il-film [Ta' Waħdu](#) [9:52 minuti] itlobhom jikkunsidraw il-mistoqsija: "Jan kif juża t-teknoloġija diġitali b'mod li jgħinu f'din in-natura selvaġġa mimlija sbuħija iżda remota?"

Ħeġġeġ lill-istudenti jiddiskutu l-umoriżmu tal-film. Liema kien l-aktar mument ta' divertiment? L-attur li jagħmel il-parti ta' Jan kif jaqbad il-karatteristiċi strambi u l-mistħija?

TAQSIMA 2

L-istudenti diġà jafu li l-UE qed tinvesti €2 biljun f'aċċess għall-wisgħa tal-banda ta' veloċità għolja għal żoni rurali bħal dik li tinsab fil-film?

Il-film jippreżenta kif anki xi ħadd mistħi bħal Jan ikollu benefiċċji jekk ikun magħqud b'mod diġitali. F'mument minnhom, Jan ifassal pjan li jirritorna xirja online mhux mixtieqa billi juża "ż-żmien ta' 14-il ġurnata biex wieħed jerġa' jaħsibha" li jingħata lill-klijenti online li jużaw siti web fl-UE. Tgħalliem dwaru [hawn](#).

Ħeġġeġ lil kull student, jew lill-istudenti li jkunu qed jaħdmu fi gruppi żgħar, joħolqu Infografika bl-isem *Id-Drittijiet Diġitali Tagħna*. L-istudenti jesploraw id-drittijiet u l-libertajiet diġitali tagħhom permezz tal-links #EUandME hawn taħt u mbagħad ifasslu u joħolqu Infografika li tolqot l-għajnejn biex tappell għall-istudenti aktar żgħar fl-iskola. L-istudenti jistgħu jużaw għodda interattiva bħal [Canva](#), [Easel.ly](#), [Piktochart](#), [Infogram](#), [Venngage](#) jew kwalunkwe għodda oħra li jagħżlu. L-għan huwa li tinholq Infografika li tkun tidher attraenti biex il-messaġġi diġitali ta' #EUandME jiġu ppreżentati lill-istudenti iżgħar.

1. [II-Mowbajl Tiegħi. Ħajti](#), tippreżenta r-regolamenti tal-UE li jgħibu t-tmiem għall-era tat-tariffi tar-roaming.
2. [II-Konnessjoni Tiegħi. Ħajti](#), tispjega kif il-liġijiet tal-UE jggarantixxu aċċess għall-aħjar konnessjoni tal-internet possibbli bi prezz affordabbli, irrispettivament minn kemm iż-żona tkun rurali jew remota.
3. [Is-Sigurtà Online Tiegħi. Ħajti](#), tispjega kif il-leġiżlazzjoni tal-UE titlob li l-protezzjoni tad-data persunali tkun dritt fundamentali li jrid jiġi ttrattat b'attenzjoni u responsabbiltà.
4. Bħal Jan, bħala klijent online li juża siti web fl-UE, int tista' tirritorna xirja online mhux mixtieqa billi tuża "ż-żmien ta' 14-il ġurnata biex wieħed jerġa' jaħsibha tal-UE". Tista' ssib aktar informazzjoni [hawn](#).
5. Qed tfittex [pariri għall-passiġġieri](#) waqt li tkun qed tivvjaġġa? Hemm applikazzjoni tal-UE proprju għal dan!
6. [Linji Telefoniċi għall-Għajnuna dwar is-Sigurtà fuq l-Internet](#) huma disponibbli f'kull Stat Membru biex il-ħajjiet diġitali taż-żgħażaġh Ewropej jingħataw għajnuna u appoġġ. [II-Ġurnata ta' Internet Aktar Sigur](#) hija l-inizjattiva tal-UE biex tiċċelebra l-kampanja tagħha għal Internet aħjar għal kulħadd, speċjalment iż-żgħażaġh.
7. Uri din il-lista ta' kontrolli żgħira lill-istudenti biex tgħinlihom jikkontrollaw jekk irnexxilhomx jinformat b'mod ċar lill-udjenza żagħżuġha tagħhom dwar xi wħud mill-inizjattivi diġitali tal-UE li ġejjin fl-infografiċi tagħhom.
 - Dak li Jitneħħa Jrid Jibqa' Mneħħi
 - It-tmiem tat-tariffi tar-roaming
 - Id-Dritt li Tintnesa
 - It-tmiem tal-imblukkar ġeografiku
 - GDPR

TAQSIMA 3

Ladarba l-infografiċi kollha jiġu ppubblikati, stieden lill-istudenti jagħżlu l-Aħjar 5 Infografiċi tagħhom billi jevalwawhom f'termini ta': kif jippreżentaw id-data b'mod eċċitanti; jagħmlu d-data kumplessa faċli biex dak li jkun jifhimha; kif jipprovdu kontenut u informazzjoni b'mod ċar u rilevanti; l-impatt viżwali; l-użu tal-kuluri, grafiċi u ċarts; l-adekwatezza għall-udjenza fil-mira; ir-rikonoxximent tal-informazzjoni ta' sors.

Kull infografika tal-Aħjar 5 Infografiċi tista' tintwera fuq is-siti web tal-iskola għal ġimgħa u titqiegħed fuq il-paġni tal-midja soċjali tal-iskola jew tal-paġni tal-istudenti stess bl-użu ta' #EUandME.

Billi waħda mill-Aħjar 5 Infografiċi tintuża bħala mudell, il-klassi tista' wkoll tfassal u tippreżenta workshop qasir dwar il-ħiliet diġitali bl-isem "Il-Ħolqien ta' Infografika" għall-istudenti iżgħar fl-iskola. Matul is-sessjoni ta' ħidma 1-2 studenti superjuri juru kif ħolqu u fasslu l-infografika tagħhom fil-waqt li l-bqija tal-istudenti jagħtu appoġġ individwali lill-istudenti aktar żgħar hekk kif dawn ikunu qed joħolqu l-ewwel infografika tagħhom.

L-Unità tad-Drittijiet ta' #EUandME

DESKRIZZJONI ĠENERALI

Ivan fil-vidjo *Debut* huwa t-tifel ta' bidwi u plejer tal-futbol li għandu talent. Bħal Ivan, bħala ċittadini ta' Stat Membru tal-UE u skont l-istat tad-dritt tal-UE aħna lkoll għandna d-dritt li niġu ttrattati b'mod ugwali u b'rispett.

TAQSIMA 1

Id-Direttur, Dalibor Matonić, jiddeskrivi [Debut](#) [4:04 minuti] bħala storja sottili. Hekk kif l-istudenti jkunu qed jaraw il-film, staqsihom x'jaħsbu li hija t-tema tal-film tiegħu. Id-direttur kif jibni tensjoni u ansjetà fir-rigward ta' kif Ivan stess jifhem id-dritt tiegħu li jkun min verament hu?

Bħala ċittadini tal-UE, id-drittijiet u l-libertajiet tagħna huma stabbiliti fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea. Fil-Karta, l-UE tagħmilha ċara li kulħadd jitwieded liberu u ugwali fir-rispett u fid-drittijiet li jixirqu. L-UE tiżgura wkoll drittijiet u appoġġ oħra fil-ħajja ta' kuljum taċ-ċittadini; bħala konsumaturi, passiġġieri u membri ta' demokrazzja. Fit-Taqsima 2, l-istudenti se jespjoraw dawn id-drittijiet qabel imorru lura għad-drittijiet u l-libertajiet tal-UE ta' [Il-Karta Ewropea tad-Drittijiet Fundamentali](#) fit-Taqsima 3.

TAQSIMA 2

Fil-film *Debut* aħna naraw lil Ivan jitgħallim li bħala ċittadin tal-UE, int għandek id-dritt li tkun kull min tixtieq. Madwar l-UE, id-drittijiet kollha huma protetti bl-istat tad-dritt. Il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tgħaqqad flimkien id-drittijiet personali, ċiviċi, politiċi, ekonomiċi u soċjali kollha li jgawdu n-nies fl-UE f'test wieħed. Il-Karta fiha drittijiet u libertajiet taħt 6 titoli:

- ▶ Dinjità
- ▶ Drittijiet taċ-ċittadini
- ▶ Solidarjetà
- ▶ Ugwaljanza
- ▶ Libertajiet
- ▶ Ġustizzja

Staqsi lill-istudenti kollha jiskopru u jitgħallmu dwar id-drittijiet u l-libertajiet li ċ-ċittadini tal-UE għandhom biex jiġi żgurat li l-persuni ta' età, ġeneru, razza, orjentazzjoni sesswali, reliġjon u opinjoni differenti jkunu jistgħu jgħixu flimkien fil-paċi u fis-sliem fuq [Id-Drittijiet Tiegħi. Ħajti.](#)

Id-drittijiet taċ-ċittadini LGBTQI huma protetti fl-UE. Bħala klassi, iddiskuti dwar jekk l-iskola tiegħek hijiex spazju sigur għall-istudenti LGBTQI. Kulħadd għandu l-oportunità li jipparteċipa b'mod sħiħ fil-ħajja edukattiva u soċjali tiegħu waqt l-iskola? X'jista' jsir biex jiżiedu l-aċċettazzjoni u t-tolleranza fl-iskola? Il-klassi tiffurma gruppi ta' ħidma biex twettaq riċerka dwar x'għamlu skejjel oħra; taħdem mal-konsulent tal-iskola biex kelliema jiġu mistiedna jorganizzaw sessjonijiet ta' ħidma biex jiddiskutu l-kwistjonijiet. Dawn jistgħu jipprovdu litteratura ta' sensibilizzazzjoni u posters għall-iskola u informazzjoni dwar is-servizzi ta' appoġġ għall-istudenti LGBTQI. Il-klassi mbagħad tfassal Pjan ta' Azzjoni bl-isem "Post Sigur għat-Tagħlim" biex jiġi ppreżentat lill-mexxejja tal-iskola u lill-bord tal-iskola, li jissuġġerixxi l-bidliet li jistgħu jsiru fl-iskola biex din issir post aktar inklużiv fejn l-istudenti jitgħallmu.

TAQSIMA 3

Għal din l-attività, l-istudenti kollha jaħdmu f'*Il-Kumpanija Famuża tal-Kummerċjalizzazzjoni*. Dawn qed jieħdu sehem f'kompetizzjoni interna biex tiġi organizzata kampanja qawwija fuq il-midja soċjali għall- *Unità tad-Drittijiet* tal-UE. Dawn ġew maqsuma fi 3 timijiet li jikkompetu ma' xulxin biex joħolqu u jfasslu kampanja fuq il-midja soċjali għal waħda mill-paġni tematiċi tad-*Drittijiet* t'hawn taħt:

1. [Ix-Xiri Tiegħi. Ħajti.](#) tippreżenta partijiet dwar ir-regoli tal-UE li għandhom l-għan li x-xiri jsir ċar, sempliċi u ġust u li jinformaw lill-konsumaturi dwar id-drittijiet tagħhom.
2. [Il-Vjaġġ Tiegħi. Ħajti.](#) tesplora r-regoli tal-UE li hemm fis-seħħ biex jiġu protetti l-passiġġieri u d-drittijiet tagħhom fil-każ ta' dewmien jew kanċellazzjonijiet meta dawn ikunu qed jivvjaġġaw.
3. [Il-Vuċi Tiegħi Ħajti.](#) tispjega d-dritt li ċ-ċittadini jivvotaw fl-elezzjonijiet Ewropej u municipli meta jkunu qed jgħixu fl-UE.

Il-Kumpanija Famuża tal-Kummerċjalizzazzjoni se tuża l-kampanja tat-tim rebbieħ biex tnedi kampanja madwar l-Ewropa kollha fuq il-midja soċjali għall-*Unità tad-Drittijiet* ta' #EUandME. Kull tim jorganizza kampanja xierqa fuq il-midja soċjali għall-udjenza fil-mira – iż-żgħażaġh tal-Ewropa. It-tim joħloq slogan għall-kampanja; jiddiżinja oġġetti viżivi; 2 kampjuni ta' pubblikazzjonijiet, u noti ta' spjegazzjoni fir-rigward tal-liema kanali tal-midja soċjali jkunu għażlu għall-kampanja tagħhom. Kull tim se jippreżenta l-pjanijiet tiegħu tal-kampanja lill-klassi sħiħa li se tivvota favur l-aktar kampanja qawwija u effettiva fuq il-midja soċjali.